# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 428/2007/2 LSO**

**Carmelo u Rosa Cachia**

**v.**

**Olga mart Joseph Mifsud, Simon Xuereb, u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2020, ġew nominati Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil bħala kuraturi deputati sabiex jidhru għall-assenti Simon Xuereb u Miriam Torbisky u b'digriet tas-7 ta' Diċembru, 2007, ġew appuntati Dr Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud biex jirrappreżentaw lill-assenti Miriam Torbisky; Josette Grech Ellul u Alfred Grech Ellul; Maria Berta Caruana u Lucia *sive* Ella Percival Maxwell aħwa Curmi, li b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2009, assumew l-atti stante l-mewt ta' Margaret Curmi; Monica Grazzja Depasquale, Louise Calleja u Anna aħwa Farruġia li b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2009, assumew l-atti stante l-mewt ta' Teresa Farruġia; u b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2001, l-atti ġew trasfużi f'isem Gillian Vella, Monica Depasquale, Anna Cachia u Maria Louise *sive* Louise Calleja bħala werrieta ta' Thomas Anastasi Pace stante li miet fil-mori tal-kawża; u b'digriet tal-14 ta' Settembru, 2010, l-atti ġew trasfużi f'isem Anne-Louise Keeley u Elisabeth La Vierge stante l-mewt ta' Thomas La Vierge; u b'digriet tas-16 ta' Marzu, 2011, ġiet kjamata**

**fil-kawża il-Missionary Society of St Paul; u l-Amministratur tal-*Joint Office* li b'digriet tat-2 ta' Settembru, 2009, dan ġie korrett għal Direttur tal-Uffiċċju Konġunt**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-Qorti kif bħalissa komposta mressqa minn uħud mill-intimati waqt is-smigħ tat-23 ta' Frar, 2021, għar-raġuni li kienet din il-Qorti kif komposta li tat is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet premessi fit-23 ta' Novembru, 2020, u li minnha huma ressqu t-talba għar-ritrattazzjoni tagħha. L-imsemmija intimati ma taw l-ebda raġuni oħra għajr dik;

2. Il-kawżali li dwarhom l-intimati ressqu t-talba għat-tħassir tas-sentenza msemmija u s-smigħ mill-ġdid tal-appell huma (i) li s-sentenza ngħatat fuq xi ħaġa mhux imdaħħla fit-talba ("*extra petita*")[1] u (ii) li bis-sentenza ngħata aktar minn dak li ntalab ("*ultra petita*")[2];

3. Illi l-liġi[3] tgħid li, bla ħsara għal dak li tipprovdi dwar l-istitut tar-rikuża kif imħares bid-dispożizzjonijiet espressi tal-Kodiċi tal-Proċedura, talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza għandha ssir quddiem dik il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin. Il-

[1] Art. 811(f) tal-Kap 12
[2] Art. 811(ġ) tal-Kap 12
[3] Art. 814 tal-Kap 12

liġi ma tiddistingwix għal liema mill-kawżali maħsuba fl-Artikolu 811 tgħodd din ir-regola u, minħabba f'hekk, ir-rikuża titqiegħed bħala eċċezzjoni għal dik ir-regola;

4. Illi, madankollu u sewwasew għaliex il-liġi ma tgħidx li **għandhom** joqogħdu fiha l-istess imħallfin, hemm ċirkostanzi fejn ma jkunx u la għaqli u lanqas sewwa li l-qorti li quddiemha ssir talba għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-każ tkun magħmula mill-istess imħallfin[4]. Wieħed irid iqis liema huma dawn iċ-ċirkostanzi, u l-fatt li tkun saret talba għar-rikuża ma jfissirx li awtomatikament dan iwassal biex tintlaqa', ladarba r-rikuża mhix ħaġa ta' konvenjenza iżda ta' ġustizzja u m'għandha qatt tiġi abbużata[5]. Min-naħa l-oħra, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li ġudikant bil-liġi jrid iwettaq biex jara jekk għandux jerġa' jisma' il-każ maqtugħ, il-ġudikant "għandu jkun iggwidat ukoll mill-ħarsien tad-dritt fundamentali tal-kontendenti quddiemu għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali"[6];

5. Illi din il-Qorti tagħraf li wieħed mill-kejl li l-qrati nqdew bih meta tqajmet l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-proċess ta' ritrattazzjoni huwa dak jekk il-kawżali li fuqha tinbena t-talba tar-ritrattazzjoni tirrigwardax biss

[4] App. Ċiv. **13.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Isidoro Aġius v. Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)
[5] App. Ċiv. **13.4.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo v. Saliba*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.44**)
[6] G Merċieca Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni ta' Sentenzi § 3.2 paġ. 26

"kwestjonijiet ta' fatt u ta' provi ġodda"[7] jew jekk tqajjimx punti ta' apprezzament ta' dritt. Fil-każ tal-ewwel, tqies li ma kienx ikun hemm lok għar-rikuża[8], iżda r-rikuża tkun xierqa fejn jitqajjem punt ta' apprezzament ta' dritt[9];

6. Illi l-ewwel miż-żewġ kawżali mqajma mill-intimati ritrattandi fil-każ tal-lum hija li din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, qatgħet fuq ħwejjeġ li ma kinux mitluba u dan billi qieset li jeżistu fl-azzjoni attriċi l-elementi tal-azzjoni surrogatorja, meta dik l-azzjoni kienet waħda ta' eżekuzzjoni ta' att ta' konvenju u fejn l-indoli tal-*actio debitor debitoris mei* ma kinitx tqajmet quddiem l-ewwel Qorti u lanqas ingħatat deċiżjoni dwarha fl-ewwel istanza;

7. Illi l-Qorti tqis li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-kwestjoni mqajma f'din il-kawżali tmur lil hinn minn waħda ta' sempliċi apprezzament ta' fatti ġodda jew ġrajjiet li seħħew wara l-għoti tas-sentenza attakkata. Minbarra dan, jekk kemm-il darba din il-Qorti kif komposta kellha ssib li ma hemmx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fl-istadju *in rescindente* ta' din il-proċedura u tilqa' t-talba għat-tħassir tas-sentenza, fl-istadju *in rescissorio* se jkun hemm probabbiltà li l-Qorti jkollha tidħol

[7] App. Kumm. **13.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Luċia Salomone et v. Francis Dingli*** (mhix pubblikata) li kienet talba għal riferenza kostituzzjonali dwar ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni sewwasew f'azzjoni ta' ritrattazzjoni taħt l-Artt. 811(f) u (ġ), bħall-każ tal-lum

[8] App. Ċiv. **8.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones***

[9] Kost. **10.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia v. Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.301**)

f'kunsiderazzjonijiet ta' dritt, meta diġà tat il-fehmiet tagħha dwarhom. Ċirkostanza bħal din taf tolqot sewwa l-aspett tal-imparzjalità soġġettiva tal-Qorti[10], ladarba l-kawżali partikolari tar-ritrattazzjoni tissejjes fuq allegat nuqqas fil-ġudizzju tal-Qorti[11];

8. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li hemm raġunijiet biżżejjed biex iwassluha tilqa' it-talba tar-rikuża mressqa mir-ritrattandi;

***Decide:***

9. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti **tilqa' it-talba** tar-ritrattandi għar-rikuża ta' din il-Qorti kif komposta u qiegħda tħalli r-Rikors għall-kontinwazzjoni sabiex il-każ jinstema' minn din il-Qorti diversament komposta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[10] Kost. **17.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja v. Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.129**)

[11] Q.E.D.B. **29.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***San Leonard Band Club v. Malta*** (Applik. Nru. 77562/01) §§ 60 – 2